**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 12 ta' Gunju, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Antonella Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Antonella Vella detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 405784(M), akkuzata talli f' xi hin fil-lejl ta' bejn it-8 ta' Gunju 2018 u id-9 ta' Gunju 2018 minn gewwa Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal Tarxien u/jew f' dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommettiet serq ta' van ta' l-ghamla Mazda, bin-numru tar-registrazzjoni LDA621 ghad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577(M) minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-

lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263(a), 265, 270, 271(g)278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi ikkommettiet serq ta' ghodod u/jew oggetti ohra u cioe diversi ghodod ghad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577(M) minn Hal- Tarxien u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263(a), 265, 270, 271(g)278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe hsara fuq il-vettura ta' l-ghamla Mazda, bin-numru tar-registrazzjoni LDA621 liema hsara tammonta ghal mhux aktar minn elfejn u hames mitt Euros (€ 2500) izda hija iktar minn mitejn u hamsin Euros (€250) ghad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577(M) minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi hsara tas-sid, ghamlet vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band ohra f' dan il-kodici ghad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577(M) minn Hal- Tarxien u/jew persuni ohra bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indhalet biex tbieghhom jew tmexxihom
6. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. J Demicoli LLD) b' digriet datat 8 ta' Awwissu 2017 u li permezz taghhom hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

7. Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 08 ta' Awwissu 2017 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Antonella Vella kif ukoll, li tordna li l-ammonti kollha kemm depozitati u kemm f' Garanzija Personali, li giet imposta fuqha u sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. U aktar talli naqset milli thares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. C. Peralta LLD) b' digriet datat 22 ta' Lulju 2015 u li permezz taghhom hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.
9. Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 22 ta' Lulju 2015 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Antonella Vella kif ukoll, li tordna li l-ammonti kollha kemm depozitati u kemm f' Garanzija Personali, li giet imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. A Micallef Trigona LLD) b' digriet datat 28 ta' Mejju 2013 u li permezz taghhom hija nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.
11. Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 28 ta' Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Antonella Vella kif ukoll, li tordna li l-ammonti kollha kemm depozitati u kemm f' Garanzija Personali, li giet imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, kisret il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar 2017 ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenza għadha fiż-żmien operattiv;
13. U b'hekk irrendiet ruha recidiva ai termini tal artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
14. Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 ta' Jannar, 2020 (inserita a fol. 278 tal-atti processwali fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 344 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2020 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jikkoncernaw serq ta' vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' registrazzjoni LDA 621 li sehh fil-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Gunju 2018 minn Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal Tarxien kif ukoll serq ta' ghodda li kienet tinsab fl-istess vettura. Fid-9 ta' Gunju 2018 Gaetano Farrugia, li xehed fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2018 (a fol 46 sa 49 tal-atti processwali) irrapporta[1] li fit-8 ta' Gunju 2018 kien ipparkja l-van tat-tip Mazda bin-numru ta' registrazzjoni LDA 621 fi Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal Tarxien u l-ghada fil-hamsa u nofs ta' filghodu sab li l-vann kien insteraq u li kienet insterqet ukoll xi ghodda u ngenji ta' mechanic li kienu jinsabu fil-vann bil-valur ta' circa €25,000. Dan il-vann jinsab registrat fuq certu Andrea Muscat li hija l-partner ta' Gaetano Farrugia. Dakinhar tad-9 ta' Gunju 2018 ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta' filghodu PC 408 kien ghaddej minn

[1] Rapport jinsab esebit a fol 15 sa 19 tal-atti processwali

Triq il-Herba, iz-Zejtun u nnota l-vann abjad bin-numru ta' registrazzjoni LDA 621 li minnu kienet qed tinhatt xi ghodda. Huwa kkuntatja il-Control Room u nforma l-Ghassa ta' Rahal Gdid li ra l-vann li kien irraportat misruq. PC 408 Floyd Duca xehed fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2018 (a fol 40 sa 41 tal-atti processwali) fejn qal li huwa ra ragel li kien qieghed ihott l-ghodda mill-vann u l-imputata li kienet qeghda bilqeghda fuq l-ghatba tar-residenza tikkomunika mar-ragel li kien qieghed ihott l-ghodda. Kif dahal ir-rapport ta' PC 408 Floyd Duca, PC 841 Raymond Mallia mar flimkien ma' PC 1411 Keith Buttigieg fuq il-post. PC 841 Raymond Mallia xehed fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2018 (a fol 43 sa 44 tal-atti processwali) fejn spjega li meta waslu fi Triq il-Herba ra il-vann bin-numru ta' registrazzjoni LDA 621 qed jirriversja, huma marru jigru hdejh u PC 841 sab lix-xufier u qalalu c-cwievet. L-imputata kienet fuq it-targa tal-bieb tal-kamra u sussegwentement dahlet gol-kamra u PC 841 qalilha tohrog 'il barra. PS 1258 Carmel Debattista xehed fl-udjenza tal-5 t' Ottubru 2018 (a fol 74 sa 78 tal-atti processwali) u qal li huwa acceda fil-kamra fi Triq il-Herba z-Zejtun fejn instab ammont ta' ghodda. Is-sid tal-vann gie msejjah fuq il-post u identifika il-vann u l-ghodda tieghu li kienet tinsab fil-kamra u nharget l-ircevuta li tinsab a fol 50 tal-atti processwali. l-imputata kienet tinsab bilqeghda fuq l-ghatba u qalet lil PS 1258 li hija ma kelliex x' taqsam mal-oggetti li kienu qed jinhattu. PC 1411 Keith Buttigieg xehed fl-udjenza tal-5 t'Ottubru 2018 (a fol 88 sa 91 tal-atti processwali) fejn spjega li meta wasal fuq il-post ra persuna maskili tirkeb gol-vann misruq u lest biex jirriversja. L-imputata kienet tinsab gewwa l-ghatba tal-bieb u kienet qed tikkomunika max-xufier li kien hemm gol-vann. Huwa xehed li din il-kamra kienu jghixu fiha l-imputata u certu Stephen Borg.

Illi fl-udjenza tal-5 t'Ottubru 2018 xehed Stephen Cachia (a fol 79 u 80 tal-atti processwali) li qal li mir-ricerka esebita bhala Dok. SC1 (a fol 81 sa 87 tal-atti processwali) jirrizulta li l-vettura tat-tip Mazda Glass bin-numru ta' registrazzjoni LDA 621 hija registrata fuq Andrea Muscat u ilha hekk registrata sa mis-7 ta' Mejju 2018.

Illi fl-udjenza tal-5 t' Ottubru 2018 xehdu PS336 Francesco Imbroll u PC 959 Daniel Formosa (a fol 93 sa 94 tal-atti processwali li prezentaw rapport konguntiv (Dok. DF1 a fol 98 sa 140 tal-atti processwali) konsistenti f'46 ritratt tal-vettura misruqa u elevar ta' impronti digitali minn fuq il-bieb ta' quddiem tan-naha tal-lemin, mit-tieqa ta' wara tan-naha tax-xellug, mill-windscreen ta' wara u ttiehed ukoll kampjun tad-DNA minn fuq l-isteering tal-vettura u mill-gear knob. Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2018 xehed l-espert Joseph Mallia (a fol 151 sa 152 tal-atti processwali) li gie nominat minn din il-Qorti sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti elevati mis-Scene of the Crime Officers u dawk tal-imputata. Mir-rapport ta' dan l-espert esebit bhala Dok. JM1 (a fol 154 sa 163 tal-atti processwali) jirrizulta li ebda wiehed mill-lifters elevati mill-vann ma jaqbel mal-impronti tal-imputata.

Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2018 l-Ispettur Chantelle Casha prezentata tlett kopji ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputata (Dok. AD1 sa AD3 a fol 166 sa 170 tal-atti processwali) u cd ta' CCTV footage li ttiehed mir-residenza 105, Milanello fi Triq il-Karmnu, l-Fgura[2] u li jkopru l-entratura tal-binja fejn l-imputata qalet li tghix (Dok. AD4 a fol 171 tal-atti processwali). Fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2019 l-Ispettur Chantelle Casha

[2] Xhieda ta' PS 463 Christopher Ellul moghtija fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2019 (a fol 232 u 233 tal-atti processwali)

prezentat vera kopja ta' zewg digrieti ta' helsien mill-arrest moghtija fil-konfront tal-imputata (Dok. CP2 u CP3 a fol 216 u 217 tal-atti processwali). Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2019 l-Ispettur Shaun Pawney prezenta erba' digriet ta' helsien mill-arrest datati 22 ta' Lulju 2015, 25 ta' Marzu 2013, 28 ta' Mejju 2013 u 14 ta' Mejju 2014 moghtija fil-konfront tal-imputata (Dok. SP1 sa Dok. SP4 a fol 178 sa 181 tal-atti processwali). Fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2019 l-Ispettur Shawn Pawney prezenta vera kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront tal-imputata fil-15 ta' Frar 2017 (Dok. SP2 a fol 249 sa 252 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2019 xehed l-espert Dr Steven Farrugia Sacco (a fol 185 sa 186 tal-atti processwali) nominat fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2018 sabiex johrog stills mis-cd prezentata bhala Dok. AD4 a fol 171 tal-atti processwali). Ir-rapport tieghu jinsab esebit bhala Dok. SFS1 a fol 188 sa 212 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2019 Gaetano Farrugia xehed (a fol 225 sa 227 tal-atti processwali) fejn qal li l-valur tal-ghodda misruqa kien ta' €13,300 u mhux €25,000 u qal ukoll li l-vann kien akwistah versu l-prezz ta' €2,500. Huwa esebixxa l-ircevuta Dok. GF2 b' deskrizzjoni tal-ghodda misruqa (a fol 228 tal-atti processwali).

Illi fl-istqarrija rrilaxxjata fid-9 ta' Gunju 2018 (a fol 8 sa 13 tal-atti processwali) l-imputata cahdet li hija serqet jew kienet komplici fis-serqa tal-vann mertu ta' dan il-kaz u stqarret li meta l-Pulizija marru iz-Zejtun hija kienet ghadha kemm tasal fil-kamra taz-Zejtun u ma kienet qed thott xejn. Hija qalet ukoll li immedjatament qabel kienet tinsab id-dar t' ommha l-

Fgura u mxiet mill-Fgura sal-kamra taz-Zejtun ghaliex il-partner taghha Stephen Borg kien qalilha sabiex tmur hemm minghajr ma taghha raguni. Stqarret li din il-kamra hija mikrija lil Stephen Borg u ilha mikrija lilu minn sitt xhur qabel ma ttiehdet l-istqarrija. L-imputata stqarret ukoll li hija taghmel uzu mid-droga. L-imputata xehdet waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2020 fejn qalet li hija kienet tghix il-Fgura u mhux fil-kamra fejn giet misjuba fiz-Zejtun. Hija sostniet li kienet tmur fil-kamra taz-Zejtun sabiex tiehu d-droga ghaliex ma setghatx taghmel dan fir-residenza t' ommha. Hija qalet ukoll li din il-kamra kienet ta' Stephen Borg, l-ex sieheb taghha u li meta waslu l-Pulizija hija kienet ghadha kif tasal. Hija spjegat li meta waslet sabet l-ghodda misruqa diga fil-kamra u sostniet li ma kelliex cavetta tal-kamra u lanqas kienet qed tghin lil Stephen Borg ihott l-ghodda qabel huwa twaqqaf mill-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ssostni li tirrizulta r-rejita' fil-konfronti tal-imputata ghaliex hija nstabet fil-pussess tal-vettura misruqa u kienet qed tassisti lil Stephen Borg ihott l-ghodda misruqa.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-persuna akkuzata jirrizultaw u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> "Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et li tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "d-dubbju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension, 1974 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":-

> "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave

> only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".

Illi dak li l-ewwel trid tistabbilixxi l-Qorti fil-kaz odjern huwa jekk jezistux provi bizzejjed li jindikaw li kienet l-imputata li wettqet is-serqa jew li altrimenti kienet komplici fl-istess serqa. Il-Prosekuzzjoni resqet bhala provi diretti b'mod partikolari x-xhieda ta' PC408 Floyd Duca li kien tal-ewwel li nnota l-vettura u PC 1411 li mar fuq il-post qabel ma' Stephan Borg saq il-vettura. Bhala provi cirkostanzjali gie esebit filmat mehud minn cameras fir-residenza 105, Milanello fi Triq il-Karmnu, l-Fgura u li jkopru l-entratura tal-binja fejn allegatament l-imputata stqarret li kienet tabita ma ommha.

Minn ezami bir-reqqa tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan jinghad ghal diversi ragunijiet. Kemm PC 408 u PC 1411 xehdu li l-imputata kienet tinsab fuq l-ghatba tikkomunika ma' Stephen Borg li kien qieghed fil-vettura u li kien hu li kien qieghed ihott l-ghodda. Din il-Qorti jidrilha li l-fatt li l-imputata kienet tinsab fuq l-ghatba tal-kamra fejn instabet l-ghodda u li kienet qed tikkomunika ma' Stephen Borg m' huwiex bizzejjed sabiex tinstab htija li hija serqet il-vettura u l-ghodda jew li kienet b' xi mod komplici f' tali serq – tant huwa hekk li l-lifters mehuda minn diversi partijiet tal-vettura ma qablux mal-impronti digitali taghha. Lanqas ma huwa sufficjenti li c-CCTV recording esebit sabiex juri li l-imputata ma kinitx fid-dar t' ommha il-Fgura u b' hekk twaqqa' l-istqarrija taghha stante li ma gietx indikata liema hija r-residenza fejn l-imputata qalet li tghix. Mir-ritratti tal-

kamra esebiti a fol 118 sa 134 tal-atti processwali inoltre jidher car li din il-kamra ma kinitx residenza. Pjuttost jikkorraboraw il-verzjoni tal-imputata li hija kienet tmur f' din il-kamra sabiex tiehu d-droga stante li jidhru diversi siringi fir-ritratt a fol 130 tal-atti processwali. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprova li l-kamra kienet fil-pussess taghha. Il-fatt li fix-xhieda taghha l-imputata qalet "Jien kont nabbuza mid-droga u ma kontx niehu d-dar. Mort niehu z-Zejtun fejn **kellna** [enfasi tal-Qorti] kamra hemmhekk" m'huwiex bizzejjed sabiex tinstab htija u ghaliex sussegwentement spjegat li l-ex partner taghha Stephen Borg kellu kamra fiz-Zejtun.

Illi isegwi ghalhekk li l-imputata ma tistghax tinstab hatja ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur